**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors Kongunt nru: 356/2020 AGV ;</u>**

AB

U

CB

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet datat 15 ta' Ottubru 2020 fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu f' Malta fit-3 ta' Awwissu 1997 (certifikat taz-zwieg mehmuz u mmarkat Dok. A) u minn daz-zwieg twieldu zewgt itfal u cjoe' DB fit- 28 ta' Dicembru 2000 u EB li twieled fil- 31 ta' Dicembru 2002;

2. Illi l-kontendenti sseperaw minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ seperazzjoni ppubblikat min-Nutar Dr. Matthew Agius nhar l- 4 ta’ Settembru 2020 (kuntratt mehmuz u mmarkat Dok B);
3. Illi kif jirrizulta mil-imsemmi kuntratt ta ‘separazzjoni il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw inter alia l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu ddikjaraw illi huma ddekadew ghad-drittijiet rispettivi taghhom, li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin. Fir-rigward tat-tfal, il-partijiet jaqblu li mhux ser ikun qed jithallas manteniment, minhabba li t-tfal huma impjegati full-time;
4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt tas-separazzjoni minkejja illi dan ta’ l-ahhar gie ppubblikat nhar l-4 ta’ Settembru 2020, il-partijiet kien ilhom ma jghixu flimien, ghal kollox seperarti minn ma’ xulxin, sa minn Jannar 2004, kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni fil-premessa 20 u ghalhekk ghaddew oltre erba’ snin mid-data tas-seperazzjoni de facto bejn il-partijiet;
5. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt li l-partijiet kienu sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni surreferit, ma hux mehtieg illi jsir medjazzjoni bejniethom;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikjara li z-zwieg ta’ bejniethom huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seidta tal-Hamis 10 ta Dicmebru 2020 dehret il-konvenuta li mhux qed toggezzjona ghat-talbiet, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**